MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 115/2008/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Numru 115/2008 fl-ismijiet**
**John Paul Grech u martu Margaret Grech**

**v.**

**Peter Muscat u martu Valerie Muscat**

**Il-Qorti:**

1. Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti datat 14 ta' Awwissu 2008 li bih cahdet it-talba tal-intimati Muscat biex dik il-

Qorti thassar ghal kollox id-digriet tal-istess Qorti tat-8 ta’ Lulju 2008 li bih kienet laqghet it-talba ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Zgumbrament numru 115/2008 kontra taghhom fuq imsemmi.

2. Rat li l-istess intimati interponew appell minn dan id-digriet fl-20 ta’ Awwissu 2008 fejn, ghar-ragunijiet spjegati dettaljatament fih, talbu li din il-Qorti joghgobha

(i) tordna r-rekuza tal-Magistrat Paul Coppini li ta d-digriet tal-14 ta’ Awwissu 2008 u tirrinvija l-atti lura lejn il-Qorti ta’ Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri, sabiex il-kaz jinstema’ mill-Qorti diversament presjeduta;

(ii) fin-nuqqas u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, thassar u tirrevoka l-imsemmi digriet tal-14 ta’ Awwissu 2008 u tilqa’ t-talba tal-appellanti ghat-thassir tal-Mandat ta’ Zgumbrament fuq imsemmi u dan taht dawk id-dispozizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xieraq li timponi.

3. Rat ir-risposta oppozitorja tal-appellati konjugi Grech li, ghar-ragunijiet spjegati dettaljatament fiha, talbu li l-appell jigi michud.

4. Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum.

Ikkunsidrat:

5. Dwar l-ewwel talba, u cioe` fejn qeghda tintalab ir-rekuza tal-Magistrat Dr. Paul Coppini, issir referenza ghall-Artikolu 738(1) tal-Kap. 12 fejn jinghad espressament li kontra decizjoni ta’ gudikant li kontrih issir talba ghal rikuza, ma hemm l-ebda dritt ta’ appell mill-istess decizjoni. Konsegwentement, l-istess l-ewwel talba tal-appellanti hija guridikament insostenibbili.

6. Dwar it-tieni talba issir referenza ghall-Artikolu 283A tal-Kap. 12 li sostanzjalment jaghti dritt lill-Qorti li thassar mandat esekuttiv, in toto jew in parte, purke li l-istess Qorti tkun sodisfatta li dan jista’ jsir ghal “raguni valida skond il-ligi”.

7. Jirrizulta sodisfacentement lil din il-Qorti li, filwaqt li l-konjugi Grech ghandhom titolu ta’ proprjeta` fuq il-fond mertu tal-mandat, bis-sahha tal-kuntratt ta’ akkwist taghhom meta xtraw il-fond in kwistjoni minghand il-Bank of Valletta, il-konjugi Muscat, sa issa ghandhom biss aspettativa ta’ xi titolu fuq l-istess fond, bazat fuq diversi allegazzjonijiet li huma ressqu fi proceduri varji li ghadhom pendenti quddiem il-Qrati taghna.

8. Il-Mandat ta’ Zgumbrament in kwistjoni intalab u gie akkordat fuq il-bazi ta’ sentenza imsemmija fl-atti li ghaddiet f’gudikat, kif korrettement rilevat mill-ewwel Qorti presjeduta mill-Magistrat Ellul fid-digriet tat-8 ta’ Lulju 2008. Jirrizulta li l-konjugi Grech huma successuri fit-titolu tal-Bank of Valletta plc. u li r-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 259(4)(a)(b) u (c) tal-Kap. 12 kienu japplikaw ghall-kaz.

9. Fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal sa issa, din il-Qorti ma hijiex sodisfatta li tezisti raguni valida skond il-ligi sabiex din il-Qorti tilqa’ t-talba ghat-thassir tal-Mandat ta’ Zgumbrament in kwistjoni u ghalhekk tichad l-appell.

L-ispejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu kollha a karigu tal-intimati appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------